

NIFHMU
L-POLITIKI
TAL-UNJONI
EWROPEA



Eiropas
Komisija

Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp

Il-ġlieda kontra
l-faqar f'dinja
li qed tinbidel

Huwa magħruf li illum għandna r-riżorsi teknoloġiċi, finanzjarji u materjali li jistgħu jeliminaw il-faqar estrem mill-pjaneta sal-2030. M'hemm ebda skuża biex ma nagħmlux dan.



NIFHMU L-POLITIKI TAL-UNJONI EWROPEA

*Din il-pubblikazzjoni hi parti minn sensiela li tispjega
x'tagħmel l-UE f'diversi oqsma ta' politika, għaliex l-UE hi
involuta u x'inhuma r-riżultati.*

Tista' ssib il-pubblikazzjonijiet onlajn:

http://europa.eu/pol/index_mt.htm
<http://europa.eu/!jn74WV>

Kif taħdem l-UE
L-Ewropa fi 12-il lezzjoni
Ewropa 2020 L-istrateġija għat-tkabbir ekonomiku tal-Ewropa
Il-fundaturi tal-UE

Affarijiet barranin u politika tas-sigurtà
Affarijiet marittimi u sajd
Aġenda diġitali
Agrikultura
Ambjent
Azzjoni favur il-klima
Baġit
Dwana

Edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport
Enerġija
Fruentieri u sigurtà
Għieda kontra l-Frodi

Ġustizzja, drittijiet fundamentali u ugwaljanza
Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili
Impjiegi u affarijiet soċjali
Intrapriża
Kompetizzjoni
Konsumaturi

Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp ✘

Kultura u awdjoviżiv
Kummerċ
Migrazzjoni u asil
Politika reġjonali

Riċerka u innovazzjoni
Saħħa pubblika

Servizzi bankarji u finanzjament
Sikurezza tal-ikel

Suq intern
Tassazzjoni

Tkabbir
Trasport

Unjoni ekonomika u monetarja u l-euro

WERREJ

Għalfejn neħtieġu politika tal-UE
għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni
Aktar mill-partijiet individwali 3

Kif l-UE qed tagħmel dan
Metodu speċifiku 6

X'tagħmel l-UE
Mill-kliem għall-azzjoni 9

Prospetti
Nilħqu l-ambizzjonijiet tagħna 15

Sib aktar tagħrif 16

Nifhmu l-Politiki tal-Unjoni Ewropea Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat-Ġenerali għall-Komunikazzjoni
Informazzjoni għaċ-ċittadini
1049 Brussell
IL-BELĠJU

Manuskritt aġġornat f'Novembru 2014

L-istampa tal-qoxra u f'paġna 2: © iStockphoto.com/
lucadp

pp. 16 — 21 × 29.7 cm
ISBN 978-92-79-41867-9
doi:10.2775/38707

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea, 2014

© Unjoni Ewropea, 2014

Ir-riproduzzjoni hi awtorizzata. Għal kull użu jew
riproduzzjoni ta' ritratti individwali, għandu jingiebb
il-permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet
tal-awtur.

Għalfejn neħtieġu politika tal-UE għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni

Aktar mill-partijiet individwali

L-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar donaturi tal-għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA). Flimkien, fl-2013, huma pprovdew għajjnuna li tammonta għal €56.5 biljun, jiġifieri 52 % tat-total tal-ODA globali mogħtija matul is-sena.

Fl-2013, l-UE wiegħdet somma sostanzjali — €14.86 biljun — għall-għajjnuna esterna għall-iżvilupp. Pajjiżi inqas żviluppanti u bi dħul baxx kienu l-benefiċjarji ewlenin.

L-UE għandha preżenza globali f'140 pajjiż, ta' firxa wiesgħa ta' għarfien espert u ta' kredibilità u n-newtralità unika f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-bniedem, l-osservazzjoni elettorali, il-governanza u r-riżoluzzjoni tal-kriżijiet. Il-programmi tal-UE jiżvolġu fuq bosta snin, u b'hekk jimmobilizzaw għajjnuna prevedibbli u fuq żmien twil. It-tnejn huma fatturi essenzjali fil-kisba tas-sostenibbiltà fl-iżvilupp.

L-UE għandha rwol fil-koordinament ta' azzjonijiet ta' donaturi differenti. Bis-saħħa tad-dimensjoni sopranazzjonali tagħha, tista' tkun ambizzjuża fl-għanijiet konġunti u tfassal soluzzjonijiet globali għall-isfidi tal-iżvilupp globali. Fil-klima ekonomika ta' bħalissa, li nevitaw id-duplikazzjoni jagħmel aktar sens minn qatt qabel. Fl-aħħar nett, l-UE għandha piż kritiku biex tirrispondi għall-isfidi globali.

L-attivitajiet ta' żvilupp tal-UE huma kkoordinati mal-isforzi tagħha f'oqsma oħra bħall-għajjnuna umanitarja, l-ambjent, is-sigurtà u l-politika dwar il-kummerċ.

Solidarjetà fil-qalba ta' kostruzzjoni Ewropea

Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp kienet parti mill-proċess ta' integrazzjoni Ewropea sa mill-bidu nett. It-Trattat ta' Ruma (1957) ipprovdha għall-ħolqien tal-Fond Ewropew għall-iżvilupp li jagħti għajjnuna lill-kolonji u t-territorji lil hinn minn xtutna. Meta bdiet id-dekolonjalizzazzjoni fil-bidu tas-snin sittin, l-Istati Membri qablu li jaqsmu parti mill-ispejjeż ta' sostenn tal-ekskolonji tagħhom wara li dawn jieħdu l-indipendenza. Il-politika ġiet estiża progressivament biex tinkludi aktar u aktar pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja, l-Amerika Latina u l-Viċinat Ewropew.

Is-sena 2000 wasslet l-iffirmar tal-Ftehim estensiv ta' Cotonou bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP). Dan il-ftehim ta' kummerċ u għajjnuna huwa l-aktar sħubija komprensiva bejn il-pajjiżi tal-AKP u l-UE sal-lum u ġie konkluż għal perjodu ta' 20 sena. Għandu l-għan li jaħdem flimkien biex jinqered il-faqar u li l-pajjiżi tal-AKP jiġu megħjuna jintegraw fl-ekonomija dinjija.

Strumenti finanzjarji addizzjonali, bħall-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-Istrument Ewropew tal-Viċinat, jippermetti lill-UE tkompli l-ħidma tagħha f'partijiet oħra tad-dinja.

Barra minn hekk, fl-2000, l-UE impenjat ruħha li tappoġġja l-għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Magħquda li jnaqqsu l-faqar estrem sal-2015.

It-Trattat ta' Lisbona saħħaħ aktar il-bażi legali għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp tal-UE. Jiddikkjara b'mod ċar li t-tnaqqis u l-eliminazzjoni tal-faqar huma l-għanijiet prinċipali tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni. Dan l-għan irid ikun irrispettat meta l-Unjoni timplimenta politiki li x'aktarx jaffettwaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan jimplika wkoll li l-politika dwar l-iżvilupp hija politika fiha nfisha.

Kontribut ewlieni għall-għanijiet tal-iżvilupp tal-Millennju

Fis-samit tan-Nazzjonijiet Magħquda tas-sena 2000, l-UE ngħaqdet ma' mexxejja globali fl-impenn tagħhom biex jinqered il-faqar sal-2015. Ġew identifikati tmien għanijiet ta' żvilupp tal-millennju:

- *il-qerda tal-faqar u l-ġuħ estrem;*
- *il-kisba ta' edukazzjoni primarja universali;*
- *il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi;*
- *it-tnaqqis tal-mortalità tat-tfal;*
- *it-titjib tas-saħħa materna;*
- *il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS, il-malarja u mard ieħor;*
- *l-iżgurar tas-sostenibbiltà ambjentali;*
- *l-iżvilupp ta' sħubija globali.*



Tfal fit-triq bejn Keren u Barentu, fl-Eritrea. L-UE għenet il-pajjiż iqum fuq saqajh wara l-gwerra dwar il-fruntiera mal-Etjopja fl-1998.

Nistinkaw kontinwament għal aktar effiċjenza

L-għanijiet ta' żvilupp tal-millennju huma fil-qalba tal-ħidma Ewropea dwar il-kooperazzjoni fl-iżvilupp u l-forma tal-għanijiet ewlenin tagħha. Il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament meħtieġ hi parti mill-isfida li jinkisbu dawn l-għanijiet. Għal dan il-għan, saret Konferenza Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Magħquda dwar Finanzjament għall-Iżvilupp f'Monterrey, fil-Messiku fl-2002. Dan wassal għall-Kunsens ta' Monterrey, fejn il-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern impenjaw ruħhom li jimmobilizzaw is-sorsi kollha ta' finanzi għall-iżvilupp (domestiċi u internazzjonali, pubbliċi u privati), inkluż billi tiżdied sostanzjalment l-għajjnuna għall-iżvilupp.

Minn dakinhar, l-UE wettqet ir-reviżjonijiet annwali ta' kontribuzzjoni kollettivi tagħha lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

“Aġenda għall-bidla”: ir-rispons tal-UE għal sfidi ġodda

Biex iwettqu l-għanijiet ta' żvilupp, il-politiki tal-UE għandhom iżommu ruħhom aġġornati mal-ambjent globali li qed jinbidel. Minħabba l-iskarsezza tar-riżorsi naturali għat-ktabbir f'ekonomiji emerġenti u l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika, sfidi u opportunitajiet ġodda jeħtieġ li l-UE tadatta l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha.

“Aġenda għall-Bidla”, adottata fl-2011, hija strateġija għat-tnaqqis tal-faqar billi tintroduċi bidliet ewlenin fil-mod kif l-għajjnuna tal-UE tingħata. Dawn jinkludu l-bidliet li ġejjin:

- Metodu ta' fokus doppju li jagħti l-għajjnuna f'pajjiżi fejn l-għajjnuna għall-iżvilupp jista' jkollha l-akbar impatt possibbli, u fejn l-għajjnuna hija meħtieġa l-aktar. L-aktar tip ta' appoġġ effiċjenti għandu jiġi definit, skont is-sitwazzjoni ta' kull pajjiż.
- Attivitajiet tal-UE ffokati fuq massimu ta' tliet setturi għal kull pajjiż.

- Koordinazzjoni tal-UE mtejba għal impatt aħjar fl-iżvilupp u għal riżultati.
- Enfasi fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u t-tmexxija tajba, nitgħallmu mill-lezzjonijiet tal-bidliet reċenti fl-Afrika ta' fuq u fil-Lvant Nofsani.
- Żieda fl-appoġġ għal tkabbir inklużiv u sostenibbli b'involvement aktar attiv f'setturi strateġiċi bħall-agrikoltura u l-enerġija, u l-promozzjoni tal-iżvilupp tas-settur privat.
- Żieda kemm jista' jkun fil-koerenza tal-politika biex jiġi żgurat li l-aspetti ta' żvilupp ikunu kkunsidrati fl-oqasma kollha tal-azzjoni tal-UE. Dan għandu jippermetti lill-UE tindirizza r-rabta bejn il-kummerċ u l-iżvilupp, pereżempju.

Tama kbira, għanijiet kbar

Filwaqt li l-proporzjon tan-nies li jgħixu fil-faqar estrem f'pajjiżi li qed jiżviluppaw naqsu minn 46 għal 27 % bejn l-1990 u l-2005, madwar 1.2 biljun ruħ madwar id-dinja għadhom jgħixu taħt il-linja tal-faqar kif definita internazzjonalment ta' \$1.25 kuljum. Dawn iċ-ċifri jenfasizzaw kemm il-progress inkoraġġanti miksub kif ukoll l-iskala tal-isfidi li għad hemm quddiemna.

Aktar minn għaxar snin wara l-adozzjoni tal-Miri għall-iżvilupp tal-millennju, ħafna pajjiżi ħarġu mill-faqar u l-kunflitt. Xi wħud minnhom saru donaturi internazzjonali responsabbli u ekonomiji dinamiċi. Sfortunatament, kien hemm ħafna minnhom ukoll li marru lura f'faqar akbar, fil-kunflitt u l-insigurtà u xi wħud għadhom jiċċidu d-drittijiet bażiċi tal-bniedem għaċ-ċittadini tagħhom.

Il-faqar mhuwiex l-unika kwistjoni involuta. Ir-rewwixti reċenti, speċjalment fiż-żona Mediterranja, enfasizzaw li l-iżvilupp għandu jimxi id f'id mad-difiża tad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem. L-UE qed tintegra dawn il-kwistjonijiet fl-aspetti kollha tal-politika tal-iżvilupp tagħha.

L-UE tagħti attenzjoni speċifika lill-aktar pajjiżi vulnerabbli. Kważi nofs l-iżvilupp tagħha tal-għajnuna tmur fil-pajjiżi fraġli. F'pajjiżi li għandhom tendenza għal kriżijiet, fejn jgħixu l-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, l-għajnuna se tkun immirata iktar lejn il-paċi u l-bini tal-istat fit-titjib tal-kwalità tagħha u jiġi mmassimizzat l-impatt. F'sitwazzjonijiet ta' wara l-kriżi, wara kunflitti jew diżastri naturali, id-donaturi kollha se jiġu mħeġġa biex jiżguraw tranżizzjoni bla xkiel mill-għajnuna umanitarja għal għajnuna għall-iżvilupp sostenibbli u biex itejbu l-koordinazzjoni biex tgħin fil-kisba tal-istabbiltà. L-UE hija sieħba ewlenija fin-“new deal” għall-pajjiżi fraġli.

Azzjoni integrata biex tgħin lin-nies joħorġu mill-faqar

Il-politika tal-iżvilupp hija marbuta ma' kwistjonijiet globali kbar li l-UE qed taħdem fuqhom mal-imsieħba tagħha. Kemm tibdil fil-klima u kemm preokkupazzjoni dwar is-sigurtà, bħal terroriżmu u traffikar tal-bniedem. Kemm migrazzjoni u kemm sigurtà tal-enerġija: l-iżvilupp tal-kooperazzjoni jista' jagħmel kontribut pożittiv għall-azzjoni tal-UE fid-dinja.

Il-ħidma ma' nazzjonijiet li qed jiżviluppaw għandha wkoll rwol biex jintlaħqu l-għanijiet tat-tkabbir li l-UE stabbilixxiet għas-snin li ġejjin. Il-ħidma bi sħab ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-ekonomiji emerġenti trawwem tkabbir għaqli, sostenibbli u inklużiv, skont l-istrateġija Ewropa 2020. Spinta fil-prosperità u l-promozzjoni ta' swieq miftuħa u ekwi fid-dinja kollha toħloq sitwazzjoni ta' benefiċċju reċiproku, fejn kemm il-pajjiżi msieħba u l-UE jaħsdu benefiċċji ekonomiċi.

L-infiq effiċjenti huwa vitali. L-UE għandha għan li tagħmel l-aħjar użu tal-fondi disponibbli permezz ta' azzjoni koordinata mill-UE.



© L-Unjoni Ewropea

Il-kooperazzjoni tal-UE mas-Sudan tiffoka fuq ir-rabta bejn l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp, bħal f'dan il-kamp għall-persuni spustati fid-Darfur ta' Fuq.

Kif l-UE qed tagħmel dan

Metodu speċifiku

L-UE tgħaqqad strateġiji differenti biex twassal l-għajjnuna lill-pajjiżi fil-bżonn. L-għajjnuna ssir disponibbli l-aktar permezz ta' proġetti, għotjiet u kuntratti iżda wkoll permezz ta' appoġġ baġitarju u fis-settur.

• Proġetti, għotjiet u kuntratti

Proġett huwa serje ta' attivitajiet li jsiru biex jinlaħqu għanijiet speċifiċi f'perjodu ta' żmien u baġit stabbilit. Għotjiet huma kontribuzzjonijiet finanzjarji diretti għal organizzazzjonijiet jew għal proġetti mmexxija minnhom. L-għotjiet jiġu attribwiti għall-aħjar kandidati permezz ta' sejħiet għal proposti. Il-kuntratti jingħataw permezz ta' proċeduri ta' sejħa għall-offerti tal-akkwist ta' servizzi, provvisti jew xogħlijiet.

• Appoġġ fil-baġit

L-appoġġ fil-baġit jinvolti trasferimenti finanzjarji lit-teżor nazzjonali tal-pajjiż imsieħeb, ikkombinati ma' djalogu intensiv dwar il-politika. Jinvolti wkoll miżuri li jivvalutaw u jtejbu l-impatt ta' dawn il-fondi. Skont is-sħubijiet u r-responsabbiltà reċiproka, l-appoġġ baġitarju hu strument importanti biex jiffinanzja l-istrateġiji tal-iżvilupp tal-pajjiżi msieħba. It-twassil tal-għajjnuna huwa adattat għall-ħtiġijiet identifikati minn pajjiż partikolari u b'enfasi qawwi fuq l-istrateġiji li huma proprjetà nazzjonali.

Biex jibbenefikaw minn appoġġ baġitarju, il-pajjiżi għandhom juru impenn lejn id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Għandhom ukoll jissodisfaw kriterji rigorużi, inkluż il-ġestjoni finanzjarja pubblika.

• Appoġġ fis-settur

Parti kbira mill-finanzjament għall-iżvilupp fornuta mill-UE timmira lejn setturi speċifiċi f'pajjiżi msieħba. Is-setturi jinkludu l-enerġija, l-agrikoltura u l-edukazzjoni. Is-setturi huma appoġġjati billi tingħata spinta finanzjarja lill-programmi mmexxija mill-pajjiżi msieħba. L-iffinanzjar jista' jissarraf f'appoġġ baġitarju settorjali, għotjiet u kuntratti jew riżorsi aggregati minn donaturi differenti.



*Lida u Alina minn Cazanesti
fil-Moldova ibbenefikaw
mill- appoġġ tal-UE lill-pajjiż
fis-servizzi soċjali.*

Strateġija vertikali u orizzontali

Il-mekkaniżmi ta' finanzjament tal-iżvilupp tal-UE jista' jkollhom skop ġeografiku jew tematiku. Għas-snin 2014–20, tliet strumenti ġeografiċi u tlieta tematiċi se jiddefinixxu fejn u kif jintefqu l-flus.

Il-biċċa l-kbira tal-finanzjament għall-iżvilupp ġej minn strumenti ġeografiċi.

- Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp huwa l-istrument prinċipali li jipprovdi għajnuna lill-pajjiżi Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) u u t-territorji *extra* Ewropej.
- L-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp ikopri kooperazzjoni mal-Amerika Latina, l-Asja, l-Asja ċentrali, il-Lvant Nofsani u n-Nofsinhar tal-Afrika. Jinkludi ħames programmi tematiċi li jindirizzaw sfidi globali: il-protezzjoni ambjentali, ir-rwol ta' azzjonisti mhux governattivi, is-sigurtà fl-ikel, il-migrazzjoni, kif ukoll l-iżvilupp uman u soċjali.
- Finanzjament għal kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra ġirien huwa pprovdut permezz tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat.

Dawn l-istrumenti huma kkumplimentati permezz ta' strumenti b'fokus tematiku, miftuħa għall-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw.

- L-istrument Ewropew għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem għandu l-għan li jipproteġi d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet bażiċi u li jippromwovi d-demokrazija u l-istat tad-dritt.
- L-istrument li jikkontribwixxi fl-istabbiltà u l-paċi jsaħħaħ is-sigurtà f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u jappoġġja t-tranżizzjoni lejn stabbiltà warajhom.
- L-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari jippromwovi sikurezza nukleari, ta' protezzjoni minn radjazzjoni u t-tnejjja għal emerġenza.

Il-programmi tematiċi tal-UE jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Aktar, aħjar u bla dewmien: għajnuna u effettività tal-iżvilupp

Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jistabbilixxi qafas ta' prinċipji komuni li jippermettu lill-UE u lill-pajjiżi membri biex jimplimentaw politiki ta' żvilupp fi spirtu ta' komplementarjetà u effiċjenza.

L-UE se tivverifika l-kwalità tal-għajnuna bl-użu ta' miri konkreti miftiehma internazzjonalment fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi (2005), l-Aġenda ta' Accra għall-Azzjoni (2008) u rivedut mill-forum ta' Livell Għoli ta' Busan li ħoloq is-Sħubija għall-Kooperazzjoni Effikaċi għall-Iżvilupp (2011).

Bħala membru tal-Kumitat tal-Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD-DAC), l-UE ilha attiva f'fora internazzjonali biex ittejjeb l-impatt tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Stabbilixxiet miri ambizzjużi biex tiżdied l-effettività tal-għajnuna globali għall-iżvilupp u rriformat il-mod kif twassal l-għajnuna biex tilħaq dawk il-miri.

Ir-raba' Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effettività tal-Għajnuna fl-2011 f'Busan, fil-Korea t'Isfel, kien żvolta fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp globali. Parteċipanti minn 'il fuq minn 160 gvern, kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat, qablu fuq numru ta' prinċipji, miri u impenji biex tinkiseb l-akbar effikacija fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp; jimxu minn "għajnuna biss" għal strateġija aktar komprensiva li jinkludu 'l dawk kollha involuti fl-iżvilupp.

L-UE ddeċidiet li tikkonċentra l-azzjonijiet ta' segwitu immedjat kollettiv tagħha fuq żewġ inizjattivi:

- Il-Garanzija tal-UE dwar it-Trasparenza għandha l-għan li tipprovdi informazzjoni komparabbli internazzjonalment dwar għajnuna aġġornata u b'aċċess faċli. Sabiex jintlaħaq dan, il-Kummissjoni Ewropea u għadd ta' pajjiżi tal-UE diġà qed jimplimentaw standard komuni maqbul globalment għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-għajnuna, tagħmel disponibbli informazzjoni dettaljata u f'waqtha dwar fejn u kif l-għajnuna tintefaq.

- Il-programmazzjoni konġunta għandha l-għan li tagħti rispons Ewropew komuni tal-pjan ta' żvilupp ta' pajjiż msieħeb, inkluż permezz tat-tqassim tax-xogħol. L-UE u l-pajjiżi membri tagħha jiddefinixxu flimkien liema donatur jaħdem f'liema settur. Dan iwassal għal aktar effikaċja u riżultati aħjar. L-UE tassumi r-rwol ta' koordinatur u ta' faċilitatur. L-UE bdiet programmazzjoni konġunta f'aktar minn 20 pajjiż u qed tippjana li timplimenta dan f'madwar 40 pajjiż sieħeb, biex b'hekk tkopri aktar minn 60 % tal-għajnuna programmabbli għal pajjiż ġestiti mill-istituzzjonijiet tal-UE.

Il-pass li jmiss f'dan il-proċess internazzjonali huwa l-ewwel laqgħa ta' livell għoli tas-Sħubija Globali għal Kooperazzjoni Effikaċi għall-iżvilupp. Din se ssir fil-Messiku f'April 2014 u se tanalizza l-progress tal-impenji u għandha l-għan li tindirizza l-isfidi u taċċellera l-implimentazzjoni.

Il-politika ta' żvilupp tal-UE u l-kooperazzjoni bilaterali tal-pajjiżi membri tagħha ma' pajjiżi li qed jżviluppaw isaħħu lil xulxin. Ħafna politiki oħra tal-UE għandhom impatt fuq il-pajjiżi li qed jżviluppaw u għalhekk huma kkoordinati ma' politika ta' żvilupp.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni tal-Kummissjoni — EuropeAid huwa responsabbli mid-definizzjoni tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u għall-implimentazzjoni ta' għajnuna fil-pajjiżi msieħba. Biex issaħħaħ il-koerenza bejn ir-relazzjonijiet esterni u l-kooperazzjoni fl-iżvilupp, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jstinka biex iġib il-politiki u l-azzjonijiet kollha tagħha jaqblu mal-għanijiet ta' żvilupp.

L-UE topera 140 delegazzjoni u ufficiċju madwar id-dinja. Dawn imexxu l-programmi ta' żvilupp u kooperazzjoni filwaqt li jirrappreżentaw l-UE fil-pajjiżi ospitanti tagħhom. Wara kunflitt jew diżastru naturali, pereżempju, delegazzjoni tal-UE lokali tista' taġġusta mill-ġdid il-prioritajiet tal-għajnuna, u tirrispondi għal ħtiġijiet urġenti.

Meta tiddefinixxi l-politiki, twassil u tassisti fil-monitoraġġ tal-assistenza, l-UE taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali b'networks u għarfien espert li jikkomplementaw r-riżorsi tagħha. Gruppi u entitajiet ewlenin jinkludu lin-Nazzjonijiet Magħquda, l-OECD, il-Bank Dinji, il-G8 u l-G20. Permezz ta' djalogu u kuntatti regolari l-UE ngħaqdet ma' donaturi tradizzjonali importanti oħra (eż. l-Istati Uniti, il-Ġappun u l-Korea) u, dejjem aktar, ma' ekonomiji emerġenti.

Sehem is-soċjetà ċivili

Is-soċjetà ċivili hija msieħba ewlenija ta' donaturi f'pajjiżi ta' żvilupp. Atturi mhux statali jistgħu, pereżempju, jinkludu organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), assoċjazzjonijiet professjonali, imsieħba soċjali, universitajiet jew il-midja. Dawn huma ġeneralment qrib il-komunitajiet lokali u jistgħu jgħinu lid-donaturi biex jirrispondu għall-ħtiġijiet tan-nies. Għalhekk, huma dejjem iżjed jieħdu aktar responsabbiltà fl-iffurmar ta' strateġiji u ta' programmar.

Rwol aktar b'saħħtu tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp jgħin biex itejjeb il-pussess lokali.



L-UE tmexxi programmi li jippromwovu s-saħħa tar-riproduzzjoni u t-tfal fil-kampijiet tar-refuġjati, bħal hawnhekk fit-Tajlandja.

X'tagħmel l-UE

Mill-kliem għall-azzjoni

Hekk kif l-iskadenza tal-2015 biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp għall-Millennju riesqa, l-istat attwali tagħhom jipprovdi indikazzjoni ċara fuq l-iskala u r-rata ta' żvilupp miksub matul dawn l-aħħar 12-il sena.

Skont ir-rapport tan-Nazzjonijiet Magħquda ta' Lulju 2012, diversi miri ewlenin diġà ntlaħqu:

- il-faqar estrem tnaqqas bin-nofs u qed jonqos madwar ir-reġjuni kollha;
- Il-proporzjon ta' nies mingħajr aċċess għal sorsi mtejbja tal-ilma tnaqqas bin-nofs;
- il-ħajjiet ta' aktar minn 200 milljun persuna li jgħixu fis-slums — id-doppju tal-mira tal-2020 — tjebu;
- Id-dħul tal-bniet fl-iskejjel primarji issa huwa daqs dak tas-subien;
- Il-progress fit-tnaqqis tar-rati ta' mortalità materna u tat-tfal qed jaqbad ir-ritmu.

Il-kontribut tal-UE fir-riżultati miksuba huwa sinifikanti. Minn investimenti fis-saħħa, l-edukazzjoni jew l-infrastruttura tat-toroq għall-finanzjament fl-agrikoltura, l-appoġġ tal-UE wassal għal progress tanġibbli. Sa mis-sena 2000, l-appoġġ tal-UE kkontribwixxa fir-reġistrazzjoni ta' aktar minn 13-il miljun tifel u tifla fl-edukazzjoni primarja u pprovda tilqim kontra l-ħożba għal aktar minn 18-il miljun tifel u tifla. L-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE kienet strumentali biex tagħti aċċess għall-ilma u s-sanità lil miljuni ta' djar. Minħabba li xi għanijiet bħall-ġuħ u s-sanità għadhom lura, f'Settembru 2011 l-UE ddeċidiet li talloka biljun ewro addizzjonali biex tappoġġja il-progress f'dawn l-għanijiet fil-pajjiżi li għadhom l-aktar lura tal-Grupp tal-Istati tal-AKP.

Flimkien mal-pajjiżi membri tagħha, l-UE hija l-akbar donatur tal-enerġija madwar id-dinja u diġà għenet miljuni ta' nies biex jiksbu aċċess għal enerġija sostenibbli. L-UE hija wkoll l-akbar kontributor ta' finanzjament għall-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-appoġġ tagħha jgħin fil-ħarsien tal-biodiversità madwar id-dinja, il-ħarsien kontra d-diżastri naturali u t-titjib tal-ħarsien tal-foresti permezz, pereżempju, tal-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar.

Appoġġ imfassal apposta

L-appoġġ tal-UE huwa adattat għall-ħtiġijiet ta' kull żona speċifika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Dan jappoġġja għadd ta' programmi u inizjattivi li jibbenefikaw reġjuni aktar milli pajjiżi jew setturi individwali. Il-kooperazzjoni reġjonali hija effettiva għal reazzjoni għall-isfidi bħalma huma t-tibdil fil-klima u l-kummerċ li jmur lil hinn mill-fruntieri. Inizjattivi globali ta' kopertura tematika jiġu implimentati billi jittieħed kont tas-sitwazzjonijiet lokali speċifiċi.

Erbgħa minn kull ħames pajjiżi l-inqas żviluppatti fid-dinja huma pajjiżi tal-AKP, ħafna minnhom Afrikani. L-akbar sehem tal-finanzjament tal-UE għal dan ir-reġjun ġej mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp li alloka total ta' €22.7 biljun għall-perjodu 2008–13.

Is-Sħubija Strateġika UE-Afrika tipprovdi l-qafas għal kooperazzjoni bejn iż-żewġ kontinenti. Fl-2007, l-imsieħba qablu dwar Strateġija Konġunta bejn l-Afrika u l-UE li tiddefinixxi miri għal kull settur. Qed tagħmel kontribut importanti fil-progress dwar il-Miri tal-Millennju għall-Iżvilupp billi tistabbilixxi miri li jistgħu jitkejlu u tissorvelja l-progress. Pereżempju, l-imsieħba Ewropej u Afrikani qed isegwu għadd ta' għanijiet konkreti biex jiksbu servizzi tal-enerġija affidabbli, sikuri, bi prezz raġonevoli u ekoloġiċi għaż-żewġ kontinenti sal-2020.



Proġett "ikel għal xogħol" li jopera fiż-żona tan-Najrobi, il-Kenja, jipprovdi ilma għall-bhejjem u r-raba'.



L-Eġittu kiseb l-għan tiegħu dwar l-edukazzjoni primarja universali.

L-iżvilupp rapidu madwar l-Asja wassal għal tnaqqis sinifikanti fir-rati tal-faqar. Madankollu, ir-reġjun għad għandu żewġ terzi tal-foqra tad-dinja. Għaldaqstant hemm bonn ta' metodu differenzjat, li jiddistingwi bejn l-ifqar pajjiżi u l-ekonomiji emerġenti. Fir-relazzjonijiet tagħha ma' ekonomiji emerġenti, l-UE qed titbiegħed milli tkun donatriċi tal-għajjnuna u minflok issir aktar imsieħba strateġika. Bħala tali, tat sehemha fil-progress milħuq. Ammont indikattiv ta' €775 miljun ġie allokat għall-kooperazzjoni reġjonali mal-Asja matul il-perjodu 2007–13.

Enfasi fuq kooperazzjoni aktar minn għajjnuna wkoll tikkarakterizza l-ħidma tal-Unjoni mal-viċinat tagħha. Biex tissaħħaħ il-prosperità, is-sigurtà u l-istabbiltà lil hinn mill-fruntieri tal-UE, il-politika Ewropea dwar il-Viċinat tipprovdi għajjnuna lill-pajjiżi ġirien. Kważi €12-il biljun huma disponibbli għal dan il-għan matul il-perjodu 2007–13.

B'reazzjoni għar-rewwixti fir-reġjun tal-Mediterran, l-UE qed timplimenta metodu ġdid biex tappoġġja t-talbiet għal parteċipazzjoni politika u l-libertà. L-UE hija wkoll kontributor kbir ta' għajjnuna lill-pajjiżi fraġli (50 % tal-għajjnuna totali tal-UE). Waqt emerġenzi, il-prijorità tkun li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet urġenti filwaqt li jiżgura l-koerenza bejn ir-rispons umanitarju u l-iżvilupp sostenibbli.


L-UE hija donatur ewlieni u t-tieni investitur barrani fl-Amerika Latina kif ukoll it-tieni l-aktar imsieħeb kummerċjali importanti tagħha. Din is-sħubija kienet ta' suċċess biex jinkiseb progress fuq l-għanijiet tal-millennju għall-iżvilupp fir-reġjun, speċjalment fir-rigward ta' aċċess għall-edukazzjoni primarja. L-isfidi li baqa' jinkludu inugwaljanzi, dgħufijiet tal-infrastruttura u aċċess għall-ilma tax-xorb. Il-finanzjament tal-UE lill-Amerika Latina jirrappreżenta ammont medju annwali ta' €500 miljun. L-appoġġ jiffoka fuq koeżjoni soċjali, integrazzjoni reġjonali, tmexxija tajba u żvilupp sostenibbli.

Ngħinu lin-nies jgħinu ruħhom

Mis-sigurtà fl-ikel u l-isfidi ambjentali għall-aspetti soċjali u d-drittijiet tal-bniedem, l-UE tintervjeni fejn meħtieġ u fejn tkun tista' tagħmel differenza.

Governanza demokratika — Din hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. F'dawn l-aħħar snin, l-UE rnexxiha tgħaqqad djalogu politiku ma' pajjiżi msieħba, appoġġ speċifiku għas-settur u attivitajiet li jżidu l-għarfien fit-titjib tal-governanza. Fl-2010 biss, €1.5 biljun mir-riżorsi tal-iżvilupp ġestiti mill-UE ġew diretti lejn azzjonijiet li jappoġġjaw il-governanza.

GĦAJJUNA GĦALL-IŻVILUPP UFFIĊJALI (F'BILJUNI TA' €)



L-UE kienet l-akbar donatur globali fl-2012. L-ammont sħiħ fl-2012 kien ħarira inqas minn dak tal-2011, minħabba li ż-żidiet fl-għajjnuna ta' xi pajjiżi tal-UE pattew għal tnaqqis ikkawżat minn kriżijiet f'pajjiżi oħra.



L-UE tiffinanzja proġett għall-konservazzjoni tal-bijodiversità fir-Riżervi tal-Foresta Gola fi Sierra Leone, wieħed mill-pajjiżi l-inqas żviluppatti fid-dinja.

Agrikoltura u sigurtà fl-ikel — L-UE għamlet prijorità mill-qerda tal-faqar u l-ġuħ. Tagħmel €600 miljun disponibbli kull sena biex tagħti lin-nies madwar id-dinja aċċess għal ikel bażiku. Dan huwa apparti l-għajjnuna umanitarja tal-ikel mogħtija f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Aktar minn 50 miljun persuna bbenefikaw mill-Faċilità tal-Ikel tal-UE ta' biljun ewro, li tnediet fl- 2009. L-UE pprovdiet madwar 24 miljun ruħ bi żrieragħ, għodod, trasferimenti ta' flus u ikel matul l-perjodu 2004–10 biex tgħinjom joħorġu mill-faqar. Il-produttività tal-bdiewa fuq skala żgħira u r-reżiljenza tal-komunitajiet rurali jistgħu jittejbu permezz tal-promozzjoni ta' mudell agrikolu sostenibbli adattat għar-realtà tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Kummerċ — Il-kummerċ għen biex miljuni ta' nies joħorġu mill-faqar fl-aħħar għaxar snin. L-UE hija l-akbar fornitur ta' għajjnuna għall-kummerċ u għandha l-aktar suq miftuħ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Is-sistema ġenerali ta' preferenzi tippermetti tariffi mnaqqsa għal prodotti minn 176 pajjiż u territorji li qegħdin jiżviluppaw. L-UE tipprovdi assistenza biex tgħin lill-pajjiżi tal-AKP jintegraw fl-ekonomija dinjija. L-ekonomiji lokali u t-tkabbir jistgħu jingħataw spinta permezz ta' ftehimiet ta' sħubija ekonomika mal-UE. Dawn imorru lil hinn minn ftehimiet ta' kummerċ ħieles billi jieħdu inkonsiderazzjoni l-kuntest soċjoekonomiku u billi jgħinu pajjiżi fl-implimentazzjoni tagħhom. Filwaqt li jifitħu s-swieq tal-UE, huma jippermettu lill-pajjiżi tal-AKP sa 25 sena biex jifitħu għall-importazzjonijiet tal-UE.

Tkabbir xprunat mill-kummerċ għal dawk il-pajjiżi li huma l-iżjed fil-bżonn

Biex jiġu inklużi bi sħiħ il-pajjiżi l-anqas żviluppatti fis-sistema tal-kummerċ internazzjonali, l-UE tagħti attenzjoni speċjali għall-bżonnijiet tagħhom fl-istrateġija tagħha "Għajjnuna għall-kummerċ". Dawn l-isforzi kkontribwixxew biex jagħmlu differenza fuq il-post: bejn l-2000 u l-2008 il-PDG per capita f'dawn il-pajjiżi żdied minn \$325 għal aktar minn \$625. Fl-2012, l-UE ressqet pjanijiet li jippermettu l-pajjiżi l-inqas żviluppatti jieħdu vantaġġ sħiħ tas-swieq miftuħa. Se tgħinjom jindirizzaw l-ostakli għall-kummerċ, jissodisfaw l-istandards internazzjonali u t-titjib tal-ambjent tan-negozju tagħhom.


Ilma u enerġija — sa mill-2004, aktar minn 70 miljun ruħ fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ġew konnessi ma' faċilitajiet tal-ilma tax-xorb u 24.5 miljun ma' faċilitajiet ta' sanità. Il-programmi tal-ilma u s-sanità tal-UE jammontaw għal kważi €400 miljun fis-sena. Dawn jgħinu biex tinbena infrastruttura għas-sistemi tal-ilma tax-xorb u d-drenaġġ, u jipprovdu iġjene u sanità bażika.

Filwaqt li l-faqar tal-enerġija jibqa' sfida urġenti globali, l-UE qed tinvesti ħafna fl-aċċess tal-enerġija, is-sostenibbiltà u s-sigurtà fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Fl-2010 biss, impenjat total ta' €319.49 miljun għall-ġenerazzjoni u l-provvista tal-enerġija. Dawn l-isforzi qed jaqdbu juru l-frott. Fil-pajjiżi tal-AKP, fejn il-problema hija aktar qawwija, 15-il miljun benefiċjarju ngħataw aċċess għal servizzi ta' enerġija moderna bejn l-2007 u l-2011.



Tfal qed jaħslu snienhom fi proġett tal-kura tas-saħħa tal-UE fin-Nikaragwa, fl-Amerika Ċentrali.

DISTRIBUZZJONI REĠJONALI TAL-GĦAJNUNA TAL-UE FIL-PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW FL-2012



Enerġija sostenibbli għal kulħadd

Wara t-tnedija ta' inizjattiva tan-Nazzjonijiet Magħquda biex tinkiseb enerġija sostenibbli għal kulħadd, l-UE għamlet dan l-għan prijorità ewlenija tal-politika tal-iżvilupp tagħha. Ġie stabbilit għan triplu għall- 2030:

- aċċess universali għal servizzi moderni tal-enerġija;
- irdupjaw fir-rata ta' titjib fl-effiċjenza tal-enerġija;
- irdupjaw fis-sehem tal-enerġija li tiġġedded fit-taħlita tal-enerġija globali.

Fis-Samit tal-UE dwar l-Enerġija Sostenibbli għal Kulħadd fl-2012, il-President José Manuel Barroso ħabbar li l-UE tista' tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jipprovdu għall-enerġija għal ammont addizzjonali ta' 500 miljun persuna sal-2030.

Ambjent u riżorsi naturali — L-ifqar pajjiżi fid-dinja huma wkoll l-aktar vulnerabbli għall-perikli ambjentali, jigiġifieri l-effetti tat-tibdil fil-klima. Dawn jintlaqtu b'mod iebes mit-tnaqqis ta' riżorsi naturali. L-UE hija l-akbar kelliem internazzjonali tal-iżvilupp sostenibbli u rratifikat il-ftehimiet ambjentali multilaterali ewlenin kollha. L-UE timplimenta strateġija li tindirizza l-ġestjoni tar-riżorsi naturali fil-politiki tagħha dwar it-tnaqqis tal-faqar. Din l-istrateġija tikkontribwixxi

direttament biex tiżgura s-sostenibbiltà ambjentali, li hija waħda mill-għanijiet tal-iżvilupp tal-millennju. Il-progress f'dan il-qasam jinkludi tnaqqis fir-rata tad-deforestazzjoni, titjib fis-slums u aċċess aħjar għal ilma tajjeb għax-xorb. Madankollu l-isfidi ambjentali jibqgħu għoljin. Għall-perjodu 2011–13, madwar €517-il miljun kienu allokat għal din l-istrateġija.



Sors tal-ilma fil-Papwa Ginea Ġdida. Access għal ilma nadif tajjeb għax-xorb għadu problema fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Spinta għas-sigurtà fl-ikel f'Ħaiti wara d-diżastru

Ħaiti hu wieħed mill-ifqar pajjiżi tad-dinja. Meta ntlaqat minn terremot kbir, f'Jannar tal-2010, id-diżastru żied mal-kriżi li diġà kien hemm tal-ikel. Il-prezzijiet ta' importazzjoni għolja flimkien ma' telf agrikolu wara diversi uragani, kellhom effett devastanti fuq is-sigurtà fl-ikel.

Din is-sitwazzjoni kienet imtejba bis-saħħa tal-proġett iffinanzjat mill-UE immirat lejn 300,000 familja fil-provinċja rurali fil-Grigal ta' Ħaiti. L-attivitajiet kellhom l-għan li jżidu u jdiversifikaw l-agrikoltura u li jtejbu l-ġestjoni tal-ilma u l-akkwakultura.

L-inizjattiva għamlet differenza enormi għall-popolazzjoni lokali. Il-bini ta' 692 tank tal-ilma u 2,550 silos għall-konservazzjoni tal-qamħ u t-tqassim ta' żrieragħ tejjeb ħafna r-rendimenti aħjar u l-għajxien.

“Jekk ikun hemm nixfa u ma jkollokx baċin titef il-produzzjoni kollha,” spjega Gédéon Richè, wieħed mill-benefiċjarji tal-proġett. “Bis-saħħa tal-baċin issa l-produzzjoni hija tajba, għandi ħaxix għall-ikel u dan jgħin ħafna l-familja tiegħi.”

Il-proġett, implimentat bi sħubija mal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Magħquda, irċieva total ta' €9.6 miljun f'fondi tal-UE matul il-perjodu 2009–11.

Trattament vitali għat-trabi u ommijietom fil-Kazakistan

Wara l-indipendenza tal-Kazakistan fl-1991, tnaqqis fil-finanzjament pubbliku għas-servizzi tas-saħħa wasslu għal tnaqqis fil-kwalità. Minħabba f'hekk, eluf ta' trabi u tfal żgħar imutu kull sena għax m'hemmx kura adegwata, u s-saħħa tal-ommijiet għadha kwistjoni serja.


Għat-titjib tad-disponibbiltà ta' qabel it-twelid u tal-kura tat-tfal ta' kwalità għolja fil-pajjiż, l-UE ddeċidiet li ttiprovdi għajnuna mmirata. Hija appoġġjat proġett li jassisti l-Ministeru tas-Saħħa tal-Kazakistan sabiex jiżviluppa strateġija nazzjonali dwar is-saħħa tal-ommijiet u t-tfal. Familji, komunitajiet u fornituri tal-kura tas-saħħa ġew inklużi fil-proċess ta' riforma li wasslet għall-introduzzjoni ta' linji gwida għal kundizzjonijiet l-aktar komuni u l-kumplikazzjonijiet tagħhom. Dawk li jipprovdu s-servizzi tas-saħħa rċewew taħriġ u pariri.

Dan il-metodu kien effettiv. Is-Servizzi tas-saħħa tal-ommijiet u tat-tfal ġew imtejba u saru aktar effiċjenti, u l-kapaċità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa biex dawn jitjiebu aktar issaħħet. L-involviment ta' familji u komunitajiet fit-titjib tas-saħħa għall-ommijiet u t-tfal żdied. “Waħda minn bosta assi ta' ġestjoni integrata tal-mard fit-tfulija hija li tgħallimna kif innaqqsu d-distanza bejn it-tobba u l-pazjenti,” enfasizzat Polina Slugina, pedjatra distrettwali li taħdem f'Osakarov.


L-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju li titnaqqas il-mortalità tat-tfal u titjeb is-saħħa materna għad iridu jintlaħqu fil-Kazakistan.

DISTRIBUZZJONI SETTORALI TAL-GĦAJNUNA TAL-UE FIL-PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW, 2012

Impenji 2012 f'miljuni ta' €



Żborżamenti 2012 f'miljuni ta' €



- Infrastrutturi soċjali: edukazzjoni u saħħa, ilma, gvem u soċjetà ċivili, oħrajn
- Infrastrutturi ekonomiċi u servizzi: trasport, komunikazzjonijiet, enerġija, servizzi oħrajn
- Produzzjoni: agrikoltura, foresterija u sajd, industrija, tħaffir fil-minjieri u kostruzzjoni, kummerċ u turiżmu
- Multisetorjali/trasversali: ambjent, oħrajn
- Appoġġ fil-baġit, għajnuna bl-ikel, sigurtà fl-ikel
- Azzjoni relatata ma' dejn
- Għajnuna umanitarja: respons ta' emerġenza, għajnuna għal rikostruzzjoni u rjabilitazzjoni, prevenzjoni u tħejjija għal diżastri
- Oħrajn/mhux allokati: spejjeż amministrattivi, mhux speċifikati

Mikrofinanzjament għall-Afrika: self żgħir, impatt kbir

Il-mikrofinanzjament jagħmilha aktar faċli għal dawkl li huma foqra biex jiksbu aċċess għall-finanzi. Biex jillħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom bħala għodda ta' żvilupp ekonomiku għall-Afrika, istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament iridu jaġġornaw l-istandards tagħhom fil-ġestjoni tar-riskju u t-trasparenza. L-UE pprovdiet appoġġ biex tgħin il-programm ta' bini tal-kapaċità ta' Smartrac biex l-istituzzjonijiet Afrikani tal-mikrofinanzjament itejbu l-ħiliet tagħhom fil-ġestjoni u l-monitoraġġ tar-riskji.

Smartrac jirrappreżenta s-sostenibbiltà, il-ġestjoni u r-responsabbiltà, riskju, it-trasparenza, l-assigurazzjoni u l-konformità. Il-programm li għandu l-għan itejjeb l-aċċess għal krediti permezz tat-tisħiħ tal-fornituri ta' servizzi ta' mikrofinanzjament lokali permezz tat-trasferiment tal-għarfien. L-għodod tal-ġestjoni tar-riskju kienu disponibbli lill-istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament u fornituri ta' servizzi lokali.

Dan l-impenn kien ta' suċċess kbir. Madwar 700,000 klijent bi dħul baxx ibbenefikaw mis-servizzi ta' 12-il istituzzjoni ta' mikrofinanzjament appoġġjati. Ir-rata ta' tkabbir għall-fornituri tas-servizz li rċevew l-għajnuna kien ta' bejn l-4 % u l-160 %.

Il-proġett kopra l-Angola, il-Gambja, il-Gana, il-Kenja, il-Malawi, in-Niġerja, ir-Rwanda u t-Tanzanija. L-UE kkontribwiet €348,000 bejn l-2006 u l-2009. Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-AKP fil-qasam tal-mikrofinanzjament huwa attwalment kopert mill-programm "mikrofinanzjament AKP/UE" (2010–14). L-imsieħba jaħdmu sabiex jiżviluppaw sistemi finanzjarji inklużivi adattati għall-ħtiġijiet tal-foqra biex jitravmu t-tkabbir u distribuzzjoni aħjar tal-ġid.

Prospetti

Nilħqu l-ambizzjonijiet tagħna

Il-ħames snin li ġejjin se jkunu kruċjali għal kooperazzjoni u żvilupp internazzjonali. Waħda mill-akbar sfidi ser ikunu n-negozjati dwar qafas universali għal wara l-2015 għall-qerda tal-faqar u għall-iżvilupp sostenibbli. Qafas ġdid għandu jstipula standards ta' għajxien bażiċi, jiġi promoss tkabbir inklużiv u sostenibbli, jagħti kontribut għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, jiżgura l-ġustizzja, l-ekwità u l-ugwaljanza u jqies is-sitwazzjoni speċjali ta' pajjiżi f'konflitt u fraġilità. L-UE se tibqa' impenjata fil-promozzjoni ambizzjuża għal qafas ta' wara l-2015 u se tiżgura li l-prijoritajiet tal-UE jiġu riflessi f'fora rilevanti kollha.

Prijoritajiet ewlenin oħra jinkludu t-tnedija tan-negozjati dwar ftehim ta' wara Cotonou bejn l-UE u l-Istati tal-AKP u t-tiżiħ tas-sħubija strateġika tal-UE mal-Afrika. L-UE se tagħti prijorità għolja għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-ugwaljanza bejn is-sessi, fid-djalogi kollha u l-programmi ta' assistenza ma' pajjiżi sħab u tiżgura li l-politiki tal-UE jkunu koerenti ma', u jappoġġjaw, il-kooperazzjoni internazzjonali u l-oġġettivi ta' żvilupp.

L-2015 hija sena importanti, minħabba li hija l-aħħar waħda li fiha rridu nilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs). Hija wkoll is-sena li fiha għandhom jittieħdu deċiżjonijiet internazzjonali ewlenin dwar il-qafas għall-iżvilupp għas-snin li ġejjin.



Ħaddiem tal-għelieqi fil-Kenja jibbenefika minn skema ffinanzjata mill-UE, imwaqfa biex issostni u tiżviluppa s-settur tal-frott u l-ħxejjex.

Għalhekk l-2015 ġiet innominata bħala s-Sena Ewropea għall-iżvilupp (EYD2015). Bil-motto "id-dinja tagħna, id-dinjità tagħna, il-ġejjieni tagħna", l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, se jaħdmu flimkien ma' organizzazzjonijiet ċivili, biex iwettqu attivitajiet immirati sabiex jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali dwar l-adeżjoni tal-UE u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Istati Membri, kif ukoll li jinkoraġġixxu l-ħsieb kritiku u l-involvement.



L-iżvilupp rurali huwa fost il-prijoritajiet tal-kooperazzjoni tal-UE fil-Gambja, wieħed mill-aktar pajjiżi foqra tad-dinja.



2015 Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp

id-dinja tagħna
id-dinjità tagħna
il-ġejjieni tagħna

<http://europa.eu/eyd2015>
 [@eyd2015](https://twitter.com/eyd2015); [#eyd2015](https://twitter.com/eyd2015)
 [facebook/europeanyearfordevelopment2015](https://facebook.com/europeanyearfordevelopment2015)

Sib aktar tagħrif

- ▶ **Żvilupp u kooperazzjoni — EuropeAid:** http://ec.europa.eu/europeaid/index_en.htm
- ▶ **Capacity4dev.eu** — il-konnessjoni tal-komunità tal-iżvilupp: <http://capacity4dev.ec.europa.eu>
- ▶ **Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna:** http://eeas.europa.eu/index_en.htm
- ▶ **Għajnuna Umanitarja u Protezzjoni Ċivili:** http://ec.europa.eu/echo/index_en.htm
- ▶ **Għandek xi mistoqsijiet dwar l-Unjoni Ewropea? Europe Direct jista' jgħinek:** 00 800 6 7 8 9 10 11 — <http://europedirect.europa.eu>

